

Brussell, 27 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

10740/22

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0218(COD)**

**ENER 341
CLIMA 326
CONSOM 170
TRANS 452
AGRI 296
IND 262
ENV 677
COMPET 549
FORETS 55
CODEC 1032**

NOTA

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru dok. Cion: 10746/22 +ADD1

Suġġett: Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652

- Dikjarazzjoni Konġunta mill-Ġermanja, il-Lussemburgu, il-Polonja, il-Portugall u s-Slovenja

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness dikjarazzjoni konġunta mill-Ġermanja, il-Lussemburgu, il-Polonja, il-Portugall u s-Slovenja fir-rigward tal-approċċ ġenerali għar-Reviżjoni tad-Direttiva dwar l-enerġija rinnovabbli kif tinsab fid-dokument ST 10488/22 u diskussa fit-3886 laqgħa tal-Kunsill (Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija) li saret fis-27 ta' Ġunju 2022.

Dikjarazzjoni għall-minuti
dwar l-Approċċ Ġenerali tal-RED II u l-Artikolu 15
Kunsill Enerġija, Lussemburgu, 27 ta' Ġunju 2022

DE, LU, PL, PT u SI huma tal-fehim komuni li, taħt il-presidenza Ċeka, il-Kunsill ser jerġa' lura, bħala kwistjoni ta' prijorità, għall-kwistjonijiet imqajma fid-dokument informali tal-Ġermanja u l-proposti tal-Kummissjoni Ewropea fil-qafas ta' RepowerEU dwar l-għoti ta' permessi.

F'dan il-kuntest, nixtiequ nissottolinjaw li aħna ma nappoġġawx il-fatt li d-dispożizzjoni fl-Artikolu 15 (8b), li tipprevedi li s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-infrastruttura tal-grilja relatata għandhom jitqiesu bħala li huma fl-interess pubbliku prevalenti u li jservu s-sikurezza pubblika, hija limitata għat-tliet Direttivi msemmija fil-verżjoni attwali tat-test tal-Approċċ Ġenerali. Id-dispożizzjoni jeħtieġ li tapplika wkoll għal dispożizzjonijiet rilevanti oħra għall-ibbilanċjar ta' interessi legali fil-proċeduri tal-ippjanar u tal-għoti tal-permessi.

Jekk l-UE trid tilħaq miri ambizzjużi għall-enerġija rinnovabbli sal-2030, is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-infrastruttura tal-grilja relatata jeħtieġ li jitqiesu bħala li huma fl-interess pubbliku prevalenti b'mod usa'. Ir-raġunament legali li jirfed il-limitazzjoni tal-interess pubbliku prevalenti għal artikoli speċifiċi jeħtieġ aktar valutazzjoni u diskussjoni bir-reqqa.